# ATT FINALI

Il-Plenipotenzjarji ta'

IL-KOMUNITÀ EWROPEA, minn hawn ’il quddiem imsejħa ‘il-Komunità’

Kif ukoll

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TAL-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

Il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, minn hawn ’il quddiem imsejħa l-‘Istati Membri’

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-INDONEŻJA

min-naħa l-oħra,

laqgħa f'Ġakarta fid-9 ta' Novembru 2009 għall-iffirmar tal-Ftehim Qafas dwar Sħubija komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, adottaw il-Ftehim Qafas dwar Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni.

Il-plenipotenzjarji tal-Istati Membri u l-plenipotenzjarju tar-Repubblika tal-Indoneżja jieħdu nota tad-Dikjarazzjoni Unilaterali segwenti mill-Komunità Ewropea:

“Id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jagħqu fl-iskop tat-Taqsima III, Titolu IV tat-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u l-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Komunità Ewropea, sakemm ir-Renju Unit jew l-Irlanda (skont kif ikun l-każ) jinnotifikaw lir-Repubblika tal-Indoneżja li intrabtu bħala parti mill-Komunità Ewropea skont il-Protokoll dwar il-posizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. L-istess japplika għad-Danimarka, skont il-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-posizzjoni tad-Danimarka.”